Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 162/2013/1

**Charles Grech & Co Ltd (appellata)**

**Vs**

**The Pathfinders Company Limited (appellanti), Timothy Tonwuru u Marisa Tonwuru (appellanti)**

4 ta' Ottubru, 2019.

1. Permezz ta' rikors preżentat fil-5 ta' Ġunju, 2013 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), l-atturi talbu li l-konvenuti jkunu kkundannati jħallsu s-somma ta' ħdax-il elf, tlett mija u erbgħin Euro u ħdax-il ċenteżmu (€11,340.11) prezz għall-bejgħ u xiri ta' xorb u oġġetti oħra.

2. Il-kumpannija konvenuta u l-konvenuta wieġbu u argumentaw li:

   i. M'humiex il-leġittimi kuntradditturi u għaldaqstant għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

   ii. It-talba tal-attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-konvenuti;

   iii. Minħabba l-personalita' ġuridika distinta tal-kumpannija *The Pethfinders Company Limited*, ma kellhiex issir kawża kontra l-konvenuta fl-istess żmien li saret il-kawża kontra l-kumpannija.

3. B'sentenza tas-16 ta' Jannar, 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta Marisa Tonwuru u l-kumpannija konvenuta u kkundannat lill-konvenuti sabiex solidalment iħallsu lill-attriċi s-somma ta'

ħdax-il elf, tlett mija u erbgħin Euro u ħdax-il ċenteżmu (€11,340.11) prezz ta' merkanzija li biegħet u kkonsenjat.

4. Permezz ta' rikors tal-appell, ippreżentat fil-31 ta' Jannar, 2017, il-konvenuti Tonwuru u l-kumpannija konvenuta appellaw mis-sentenza. L-aggravji huma:

   i. L-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet żbaljati dwar min mill-konvenuti kien il-leġittimu kuntradittur tal-kumpannija attriċi u l-Qorti naqset milli tapplika l-Liġi. F'dan l-aggravju l-appellanti jargumentaw li l-*credit agreement* li ffirma l-konvenut, għan-nom tal-kumpannija u f'ismu personali, suppost kellha tkun għal *invoice* waħda li titħallas *in arrears*. F'dan ir-rigward għamlu referenza għall-*invoice* datata 11 ta' Ottubru, 2011, għas-somma ta' mija tnejn u għoxrin Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€122.55). In oltre', argumentaw li l-konvenuta ma ffirmatx il-*credit agreement* u bil-fomm qatt ma kienet aċċettat ftehim jew xi konsenja mingħand l-attriċi. Fil-fatt, din issostni li ma kinitx taf bil-konsenji li kienet qegħda tagħmel l-attriċi fil-ħanut San Pawl il-Baħar li kien jitmexxa minn żewġha.

   ii. It-tieni aggravju hu li hemm nuqqasijiet serji fl-apprezzament ta' fatti tal-Ewwel Qorti.

5. Permezz ta' tweġiba, ippreżentata fit-23 ta' Frar, 2017, il-kumpannija attriċi wieġbet għar-rikors tal-appell, fejn tat ir-raġunijiet għalfejn, fil-fehma tagħha, l-appell għandu jkun miċħud. L-argumenti tal-attriċi jinkludu dak li l-garanzija li ta l-konvenut kien att normali ġestjoni ta' negozju u għalhekk japplika l-artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili.

**Konsiderazzjoni.**

6. L-attriċi ħarrket lill-konvenuti sabiex il-qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' €11,340.11 prezz ta' xorb u oġġetti oħra li biegħet lill-kumpannija konvenuta f'perjodu bejn il-11 ta' Ottubru, 2011 u 13 ta' Awissu, 2012 (ara statements a fol 56 u 57).

7. Fl-10 ta' Jannar, 2011 il-konvenut Timmy Tonwuru ffirma *'credit agreement'* mal-kumpannija attriċi għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija konvenuta (fol. 54). Skont klawżola 5 tal-kuntratt:

> *"5) The Director/s and/or Shareholders of the private company signing this agreement, bind themselves pesonally to the Company, which accepts, in solidum together with the private company, to the peformance of all the obligations under these terms and conditions of credit. In particular, and without prejudice to the generality of the above, they shall be personally liable, in solidum with the private company, for the payment of all overdue payments and interest due to the Company under this agreement"*.

8. Il-kuntratt iffirmah Timmy Tonwuru biss.

9. Għal dak li jirrigwarda l-appell in kwantu jirreferi għall-kumpannija konvenuta, il-qorti m'għandha l-ebda dubju li hu fieragħ. Fir-rikors tal-appell saret riferenza għall-klawżola (1) tal-*credit agreement*, li tipprovdi:

> *"1) The establishment requests (one invoice in arrears) from the Company. We understand that credit terms allowed or deliveries may be suspended if the credit period is exceeded or if cheques are unpaid"*.

10. Il-konvenuti argumentaw li l-ewwel *invoice* (11 ta' Ottubru, 2011 għas-somma ta' €122.55) kellha tkun *".... l-unika invoice li kellha titħallas in arrears mill-kumpannija attriċi"*. Għaldaqstant, l-*invoices* ta' wara ma kellhomx jitqiesu li saru skont l-imsemmi *credit agreement* għaliex dak kien *"limitat għal one invoice in arrears biss"*. Il-qorti ma taqbilx meta tikkunsidra li:

    i. Il-merkanzija inbiegħet lill-kumpannija konvenuta u konsenjata lilha, li min-naħa tagħha baqgħet ma ħallsitx. Għalhekk hu ovvju, irrispettivament mill-*credit agreement* a fol. 54 li l-kumpannija konvenuta hi debitriċi tal-attriċi. Ġialadarba baqgħet tixtri l-merkanzija, u dan baqa' jsir taħt il-*credit agreement*, hu ovvju li trid tħallas il-prezz

tal-merkanzija kollha li xtrat. Il-qorti tistenna li aggravju bħal dawn ma jsirux.

ii. Il-ftehim ma jistax jitqies li japplika biss għall-*invoice* wieħed. Klawżola (1) issemmi x'talbet l-attriċi. B'dak il-ftehim il-kumpannija konvenuta ngħatat faċilita' li ma tħallasx il-prezz mal-konsenja tal-merkanzija. Suppost skont il-ftehim ma kellhiex tkun in *arrears* ta' iktar minn *invoice* wieħed. Pero' mill-istess ftehim jirriżulta li kienet fid-diskrezzjoni tal-attriċi li tkompli tbiegħ merkanzija lill-konvenuta. Tant hu hekk li f'klawżola (1) tal-kuntratt jingħad ukoll, *"We understand that credit terms allowed or deliveries may be suspended if the credit period is exceeded or if cheques are unpaid"*.

11. Tibqa' l-posizzjoni tal-konvenuta Marisa Tonwuru li ma ffirmatx il-*credit agreement*. Fid-data li kien iffirmat il-ftehim u saru il-bejgħ u xiri tal-merkanzija oġġett tal-kawża, Marisa Tonwuru kienet miżżewġa lill-konvenut l-ieħor. M'hemmx kontestazzjoni li bejniethom kien hemm il-komunjoni tal-akkwisti.

12. L-ewwel qorti rraġunat li meta l-konvenut iffirma l-*credit agreement* kien għamel tajjeb personalment għad-dejn li kienet ser tagħmel il-kumpannija konvenuta u:

> *"….. dak iż-żmien,* ***kellu komunjoni tal-akkwisti mal-intimata Marisa Tomwuru****, illi miegħu kienet ukoll direttriċi fis-soċjeta The Pathfinders Company Limited u kienet hi tiġġestixxi ħanut ieħor, ossija Hudson ġewwa Ħal Qormi, li kienet ukoll topera taħt is-soċjeta The Pathfinders Company Limited"*.

13. L-ewwel qorti tat x'tifhem li ladarba l-konvenut Tonwuru iffirmat l-*credit agreement* bħala garanti u bejn il-konjuġi Tonwuru kien hemm ir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti, il-konvenuta kellha wkoll tagħmel tajjeb għad-dejn tal-kumpannija konvenuta.

14. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawża **Maria Stella Farrugia vs HSBC Bank Malta plc et** tal-1 ta' Frar,

2008. F'dik il-kawża l-attriċi kienet ħarrket lill-bank sabiex il-qorti tiddikjara nulla l-garanzija li ta żewġha lill-bank għad-dejn ta' kumpannija, u dan peress li ma kinitx tat il-kunsens tagħha sabiex jagħti dik il-garanzija. L-ewwel qorti ċaħdet it-talba, pero' qalet ukoll li ***"l-aġir tal-konjuġi wieħed jista' jolqot biss lill-konjuġi firmatarju iżda mhux lill-konjuġi l-ieħor"***. L-attriċi appellat iżda l-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell. Madankollu qablet mar-raġunament tal-ewwel qorti fir-rigward ta' dak il-konjuġi li ma jkunx iffirma l-garanzija;

> *"Din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi attrici, u dan kif diga` osservat f'sitt sentenzi li tat fl-1 ta' Ġunju 2007, in relazzjoni mal-garanziji personali li kienu taw lis-suppliers tal-kumpanija d-diretturi u l-financial comptroller tal-Price Club (Operators) Ltd. In partikolari, issir referenza għas-sentenza li tat din il-Qorti fil-kawża* ***Demarco v. Demarco et****, fejn ġiet konfermata s-sentenza ta' prim istanza fis-sens li meta att ta' amministrazzjoni straordinarja jsir minn parti waħda fiż-żwieġ,* ***il-konsegwenza mhux in-nullita` in toto ta' l-att, iżda biss illi ma jorbotx lill-komunjoni ta' l-akkwisti. Il-posizzjoni hi li meta persuna miżżewġa taħt ir-reġim tal-komunjoni ta' l-akkwisti tissottoskrivi dokument ta' fidejussjoni, mingħajr il-kunsens tal-konsorti fiż-żwieġ, dik il-persuna li tkun daħlet għal dik l-obbligazzjoni tibqa' marbuta bih, filwaqt li l-konsorti ma tkunx****. Kif kienet qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, wara konfermata minn din il-Qorti,*
>
> *"ir-raġel u l-mara mhux esklużi milli jidħlu f'negozju u jintrabtu personalment, għax huma żammew il-personalita` ġuridika tagħhom indipendenti minn dik il-komunjoni. Kwindi ma jistax jiġi eskluż li kull konsorti li aġixxa f'ismu jkun qed jorbot biss lilu nnifsu. Infatti, l-Artikolu 1328 jiddistingwi bejn djun parafernali u dawk tal- komunjoni u jgħid li ceteris paribus il-kredituri ta' l-aħħar jiġu qabel dawk ta' l-ewwel, imma djun parafernali, maħluqa mill-konsorti li jaġixxi waħdu, jistgħu jinħolqu anke wara ż-żwieġ (ara Artikolu 1329) u huma validi".*

15. L-attriċi argumentat li l-garanzija personali li ta l-konvenut, *"huwa meqjus bħala att normali ta' ġestjoni ta' negozju għall-finijiet tal-artikolu 1324 tal-Kap. 16 u għalhekk l-obbligi tal-konjuġi naxxenti mill-garanzija personali mogħtija minn wieħed mill-konjuġi waħdu jorbtu l-komunjoni tal-akkwisti"*. F'dan ir-rigward għamlet riferenza għal dak li qalet il-Prim'Awla f'sentenza tad-9 ta' Ottubru, 2003 fil-kawża **Claudette Gauci vs Paolo Bonnici Ltd et**:

> *"..... l-artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li att li normalment hu meqjus bħala att ta' amministrazzjoni straordinarju, jista' jsir minn konsorti wieħed u jkun validu, jekk dak l-att ikun att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni tal-konsorti li jkun aġixxa mingħajr il-permess tal-parti l-oħra.*
>
> *Trattat dan il-punt, din il-Qorti hi tal-fehma li kompriżi fit-terminoloġija ta' att normali ta' ġestjoni ta' negozju, wieħed għandu jinkludi mhux biss l-atti ġjornalieri ta' kummerċ, iżda wkoll dawk l-attivitajiet li, għalkemm ma jsirxu fuq bażi regolari, huma pero' normali fil-kummerċ u n-negozju....*

*Hekk ukoll, illum, in-negozju kollu kwasi jsir dejjem tramite kumpanija, u żgur li ftit issib kumpaniji li ma jkollhomx overdraft jew self ma' Bank. Hi prassi normali li l-Bank ma jagħtix dawn il-facilitajiet lill-kumpanija jekk ma jkollux garanzija personali mill-persuni li jmexxu dik il-kumpanija; din l-għoti ta' garanzija personali hija att normali għal dawk involuti fil-ġestjoni ta' kummerc jew negozju*

*L-istess jista' jingħad għal għoti ta' credit facilities, simili għal dawk meritu ta' din il-kawża. Il-wholesalers il-kbar soltu jbiegħu jew on a cash basis jew on credit, u hu normali li meta jkollhom klient li jixtri ħafna u b'mod regolari, ma jkunx pratikabbli li n-negozju jsir on a cash basis, imma jsir arranġament ta' credit facility. Meta tingħata din il-facilita', hu normali li l-wholesaler jitlob garanzija personali tal-persuni li jmexxu n-negozju, u dan biex ikopru ruħhom u jpattu ftit għar-riskju li qed jieħdu meta jissuplixxu l-prodotti on credit".*

16. Pero dik is-sentenza kienet ġiet appellata. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) b'sentenza tal-1 ta' Ġunju, 2007 ma qablitx mar-raġunament tal-ewwel qorti li l-għoti ta' garanzija minn wieħed mill-konjuġi għad-dejn ta' kumpannija, hu att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ li jista' jsir minn wieħed mill-konjuġi biss skont l-artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti tal-Appell qalet li:

*"Il-kwistjonijiet quddiem din il-qorti huma essenzjalment tnejn:*

***1. jekk l-għoti ta' garanzija minn direttur biex jagħmel tajjeb għad-dejn tas-soċjetà li tagħha huwa direttur jitqiesx "att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni" ta' direttur,** u jkunx jiswa meta jsir minn dak id-direttur waħdu mingħajr il-kunsens ta' martu; u*

*2. jekk ma jitqiesx "att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni" ta' direttur, u għalhekk ikun jeħtieġ ukoll il-kunsens tal-mara, meta jsir mid-direttur waħdu jkunx null għal kollox jew ikunx jorbot biss il-beni parafernali tad-direttur u mhux ukoll il-komunjoni ta' l- akkwisti.*

***Din il-qorti ma tistax taqbel illi l-għoti ta' garanzija huwa "att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni" ta' direttur**. Ċertament, l-għoti ta' garanzija biex jagħmel tajjeb għad-dejn tas-soċjetà li tagħha huwa direttur ma huwiex wieħed mis-setgħat u d-dmirijiet ta' direttur kif imfissra fl-Att dwar il-Kumpaniji. Anzi, li direttur jintrabat li jagħmel tajjeb għad-dejn tas-soċjetà jmur kontra l-prinċipju illi soċjetà għandha personalità magħżula minn dik ta' l-azzjonisti u ta' l-uffiċjali tagħha u għalhekk għandu jitqies ħaġa straordinarja, u mhux ordinarja, u huwa biss konsegwenza tal-fatt illi xi impriżi kummerċjali, li għandhom bargaining power dominanti, jinqdew b'dik is-setgħa biex jimponu pattijiet u kondizzjonijiet kuntrattwali li x'aktarx ma kienx iseħħilhom li jimponu li kieku ż-żewġ partijiet kellhom setgħa kummerċjali ndaqs. **F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-ħtieġa li l-liġi tħares il-parti dgħajfa ssir aktar urġenti, u dan ċertament ma jsirx billi tħalli li parti li ssib ruħha marbuta bla ma biss tkun taf, u bla ma qatt kienet mitluba tagħti la l-kunsens u lanqas il-fehma tagħha, bħal ma tħalli li jsir is-sentenza appellata**.*

***Il-qorti għalhekk issib illi l-għoti ta' garanzija kien att ta' amministrazzjoni straordinarja li ma sarx, kif kellu jsir, miż-żewġ miżżewġin flimkien".***

17. Bran li jispjega b'mod ċar il-posizzjoni korretta fil-liġi.

18. Mill-atti rriżulta li:-

i. In-negozju kien ta' Pathfinders Company Limited u mhux tal-konjuġi Tonwuru personalment. Ir-riferenza li għamlet l-attriċi għas-sentenza **Catherine Vella vs Albert Vella et** tal-Prim'Awla tat-30 ta' Mejju 2013 m'hijiex rilevanti għal din il-kawża peress li dak il-każ kellu fatti għal kollox differenti, u ma kienx jitratta dwar l-ogħti ta' garanzija minn wieħed mill-konjuġi favur kumpannija.

ii. Bl-għoti ta' garanzija għall-kumpannija, Tonwuru ma kienx qiegħed jeżerċita kummerċ jew negozju għalih innifsu u għall-konvenuta. L-attivita ekonomika kienet tal-kumpannija biss. Tonwuru sempliċement għamel att ta' liberalita' favur kumpannija li għandha personalita' ġuridika separata u distinta mill-membri tagħha.

iii. F'kull każ sabiex japplika l-artikolu 1324 tal-Kap. 16 irid ikun hemm il-prova li l-ġestjoni ta' kummerċ u negozju *".... ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni..."*. Fil-każ in eżami filwaqt li l-konvenut kien qiegħed imexxi n-negozju tal-kumpannija ta' San Pawl il-Baħar, il-konvenuta kienet qegħda tmexxi n-negozju ta' Hal Qormi. Pero' n-negozju kien wieħed u kien tal-kumpannija mhux tal-konjuġi Tonwuru.

19. Għaldaqstant, il-garanzija li Tonwuru ffirma għaliha hu att ta' amministrazzjoni straordinarja (artikolu 1322(2) tal-Kodiċi Ċivili), u għaldaqstant *"imissu liż-żewġ miżżewġin **flimkien**"* (artikolu 1322(2) tal-Kodiċi Ċivili). Kien fl-interess tal-

attriċi li tiżgura li l-kuntratt tiffirmah ukoll il-konvenuta bħala garanti ta' Pathfinders Company Limited, sabiex hi wkoll tkun marbuta b'dik il-garanzija.

20. Ġialadarba l-konvenuta ma ffirmatx u lanqas m'hemm prova li tat il-kunsens tagħha sabiex tkun garanti għad-dejn tal-kumpannija, m'għandha l-ebda responsabbilta sabiex personalment tagħmel tajjeb għad-dejn li l-kumpannija konvenuta għandha mal-attriċi. Għaldaqstant, m'hijiex il-leġittimu kontradittur.

**Għal dawn il-motivi:**

1. **Tiċħad l-appell tas-soċjeta konvenuta;**
2. **Sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq tilqa' l-appell tal-konvenuta u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-16 ta' Jannar, 2017 billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuta li m'hijiex il-leġittimu kontradittur u għalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.**
3. **Spejjeż kollha tal-konvenuta a karigu tal-attriċi, b'dan li nofs l-ispejjeż tal-appell huma a karigu tal-kumpannija konvenuta ġialadarba appellat mis-sentenza u ħarġet telliefa u l-appellanti kienu qegħdin jinqdew bis-servizz tal-istess avukat.**

Anthony Ellul.